IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 50

12 ta` Marzu 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier

**SKUŻAT B`APOLIGIJA:**

Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

### 50.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li s-Sur Anton Gellel kien skuzat peress li kellhu mpenji ohra li ma seghtax ma jkunx prezenti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 48(07), fejn gew approvati bi qbil unanimu.

Is-Sindku talab sabiex tigi approvata l-skeda ta` pagamenti u jigu diskussi l-punti l-ohra l-aktar importanti tal-agenda qabel ma jigu diskussi l-punti mqajjma mill-Minuti 48(07). Dawn gew approvati minn dawk prezenti.

### 50.7 Xoghlijiet fi Triq Nestu Laviera u t-Triq ic-Centinarju tal-Parrocca

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li hemm bzonn issiru xi xoghlijiet fi Triq Nestu Laviera u Triq ic-Centinarju tal-Parrocca. Is-Sur Boxall spjega wkoll li ghalkemm sar diversi patching mill-istess Kunsill xorta dawn it-toroq ghadhom fi stat mhux tajjeb. Is-Sindku ssugerriexa biex fl-ewwel bicca ta` Triq Nestu Laviera kanutniera mall-Pjazza tinghata bil-konkrit. Suggeriexxa sabiex jingabru l-kwotazzjonijiet ghal Triq Nestu Laviera u l-Kunsill jmur ghall-irhas offerta u dan sabiex qabel il-festi tal-Gimgha Mqaddsa din it-triq tilhaq tkun irrangata temporanjament bl-ahajr mod possibli.  Dwar dan, dawk prezenti qabblu unanimament.

### 50.3 Konferenza tal-Progett SOLIDA

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li minn naha tal-Kunsill diga bdew il-preparamenti ghal din il-konferenza.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall infurma lill-Kunsilliera preżenti bl-iżviluppi dwar il-*Letter of Intent* li f'dawn l-aħħar ġimgħat kienet qedgħa tiġi preparat sabiex tiġi ffirmata bejn iż-żewġ Kunsilli tal-lokalitajiet tal-Birgu u dik ta' Lousada fil-Portugal. Is-Sindku preżenta *draft* tal-*Letter of Intent* fejn ġiet moqrija u wara ġiet issekondata mill-Kunsillier, is-Sur Eman Zerafa u approvata mill-Kunsilliera

preżenti. Is-Sindku propona li din il-*Letter of Intent* tiġi ffirmata meta is-Sindku ta' Lousada, is Sur Pedro Machado ikun Malta bejn l-10 u t-13 t'April 2018 sabiex jattendi waħda mil-laqgħat tal-Proġett SOLIDA tal-Erasmus+ iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea li l-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa wkoll msieħeb fih. Id-data ta' dan l-iffirmar tkun nhar l-Erbgħa 11 t'April 2018. Dwar dan propost mis-Sindku kien hemm qbil unanimu.

**50.4 Zvilupp dwar il-Berga tal-Ingliterra**

Is-Sur John Boxall gharraf lil dawk prezenti dwar laqgha li kellhu ma' investitur li jixtieq jaghmel uzu mis-sala ta` fuq tal-Berga tal-Ingliterra biex jibdew issiru lezzjonijiet tal-muzika u zfin tal-ballet. Barra minnhekk dan l-istess investitur wera xewqa li jghin lill-istess Kunsill sabiex issir il-lift f`din l-istess Berga. Dawk prezenti qabblu unanimament ma` dan il-kuncett.

**50.6 Ghajnuna mill-Kunsill relatata mall-wirjiet tal-Gimgha Mqaddsa fil-Birgu**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall spjega kif din is-sena il-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira ser tghaddi minn Triq il-Kardinal u Triq Desain. Is-Sur kompla billi qal li gie avvicinat mis-Sur Sandro Schembri sabiex dawn it-toroq jinxteghlu bix-xemghat. Inatalab ukoll sabiex mal-antarjoli li hemm il-Pjazza jittellaw il-bandalori relatati mall-Gimgha Mqaddsa. Dawk prezenti qabblu li tinghata l-ghajnuna li hemm bzonn.

**50.5 Taghrif dwar il-Progett YIEPS**

Is-Sur John Boxall gharraf lil dawk prezenti li l-konferenza ta` dan il-progett ser ssir bejn l-24 u 27 ta` April gewwa l-Birgu fejn ghal din il-konferenza l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jiehu €25,000 ghal l-organizazzjoni kollha.

6.00pm Is-Sindku talab sabiex il-laqgha tieqaf u ssir fi stadju ta` kumitat ghal waqfa qasira.

**50.8 Korrispondenza**

50.8.1 Prezentata kopja ta` artiklu fuq gazzetta dwar l-istat hazin ta` Triq Nestu Laviera.

50.8.2 Prezentata ittra li ntbaghtet lill-President tar-Regjun Xlokk bl-istima tax-xoghlijiet li jridu jsiru fi Triq Nestu Laviera.

50.8.3 Mibughta ittra lill-Prim Ministru dwar il-progett tal-klabb tar-Regatta li sa` llum baqa` kollox kif kien u qed tintalab l-ghajnuna mill-Gvern biex dan il-progett jkun jista` jinghata bidu tieghu.

50.8.4 Prezentata ittra li ntbaghtet lid-Direttrici l-gdida tal-Gvern Lokali dwar inizjattiva finanzjarja relatata mall-fondi ghall-attivitajiet kulturali, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera dizapprovazzjoni tieghu ghad-decizjoni li ttiehdet mill-bord u talab sabiex issir laqgha maghha. Fuq dan l-istess suggett, is-Sindku spjega li ghalissa l-Kunsill ma jistax jintaqa` mall-Mediterranean Tourism Foundation dwar l-attivita tal-Birgufest minhabba li l-bugdet tal-Kunsill naqas u ghad trid ttiehed decizjoni jekk din l-attivita hux ser ssir.

50.8.5 Mibughta sejha ghal dawk il-Kunsilli Lokali li huma ineresati li jippartecipaw fil-programm Citizen Participation of the Madrid City Council, fejn il-Kunsill wera l-interess tieghu.

50.8.6 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu ghall-inizjattiva WIFI4EU mahruga mill-LCA.

50.8.7 Mibughta korrispondenza mill-Kunsill fejn talab sabiex ghal laqgha tas-Sindki u Vici Sindki tkun mistiedna Direttrici l-gdida tal-Gvern Lokali biex tigi spjegata fid-dettal x`wassal ghal decizjonijiet li tiehdu sabiex tnaqqset l-allokazzjoni finazjarja ghall-attivitajiet kulturali.

50.8.9 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess f`zewg progetti wiehed tal-Erasmus + bl-isem *“Get Storied”* u iehor taht Europe for Citizens bl-isem *“European Year of Cultural Heritage”.*

50.8.10 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess fi progett bl-isem *“VAN*” taht il-programm Europe for Citizens – Remembrance u fi progett iehor bl-isem *“Traditional Sports and Games”*

50.8.11 Mibughta ittra lill-Onorevoli Dr.Aaron Farrugia fejn il-Kunsill talab laqgha mieghu sabiex jigu diskussi diversi progetti li l-Kunsill jixtieq jaghmel imma ghandu bzonn l-ghajnuna finanzjarja biex iwettaqhom. Is-Sindku spjega li

l-Ministeru referina ghand il-MUESAC biex napplikaw ghal xi fondi, fejn fondi ghal dawn il-progetti m`hemmx fil-prezent.

50.8.12 Mibughta korrispondenza lill-LCA dwar CIRK AKL2018/015 – MUESAC u Playing fields, fejn il-Kunsill bghat rapport flimkien ma` BOQ u dokumenti ohra relatati mall-bandli. Is-Sindku talab sabiex issir laqgha ma` ALF Mizzi & Sons.

50.8.13 Is-Sindku spjega kif il-Kunsill ghamel talba sabiex il-Kunsill ikun jista` johrog sejha ghall skrivan/a fuq bazi full time minflok dik li iharget ta` part time u fejn id-Dipartiment ma laqax din it-talba jekk ma jkunx hemm ittra ta` rizenja minn xi impjegat tal-Kunsill.

50.8.14 Prezentata ittra li l-Kunsill ircieva minghand resident sabiex il-hajt li kien sar mill-Kunsill quddiem Block D (Entr A,B & C) jerga` jitbajjad mill-gdid.

50.8.15 Mibughta ittra lis-Segretarju Parlamentari Onorevoli Silvio Parnis dwar talba ghall-ghajnuna finanzjarja sabiex tigi restawrata wahda mill-kmamar fil-sular ta` fuq fil-Berga ta` Franza.

50.8.16 Prezentata ittra li ntbaghtet minghand residenta fejn ghamlet diversi punti li xtaqet li jigu kkunsidrati peress li mhux ser tkun tista` tkun prezenti waqt il-laqgha annwali tal-Kunsill. Diversi punti kienu dwar il-futur tal-Belveder, il-periklu li hemm fi Triq ta` Toqba (Salle Porte) fost ohrajn.

50.8.17 Prezentata ittra li l-Kunsill ircieva relatata mall-attivita tal-Earth Clean Up, fejn is-Sindku nforma lil dawk prezenti li hemm certu tindif f`zoni partikulari li jridu jsiru bill-kuntrattur tal-Kunsill.

**50.9 Komunikazzjoni mis-Sindku**

50.9.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li ntalbu kwotazzjonijiet sabiex tigi rrangata l-area ta` fejn ser issiru l-bankijiet. Is-Sur Boxall issugerriexa li jsir imprint bhal ma sar f`zoni ohra fil-Birgu. Dawk prezenti qabblu dwar dan.

50.9.2 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li ghal laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki ma kienux ser jattendu minhabba li dakinhar kien ser ikun hemm ic-cerimonja quddiem il-munument ta` Jum il-Helsien.

50.9.3 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Bormla talbu sabiex it-tabelli ta` reklamar fil-lokalita ta` Bormla jsiru bhal dawk tal-Birgu. Dawk prezenti ma qbalux dwar dan.

50.9.4 Is-Sur John Boxall sostna li ghas-summit tal-EFFE li ser ssir bejn il-11 u 13 ta` April importanti li rapprezentant mill-Kunsill ikun prezenti. Gie appuntat il-Kunsillier, is-Sur Eman Zerafa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

**50.10 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

50.10.1 Is-Sur Trevor Mizzi qal li qieghed ikun hemm hafna mbarazz fejn il-bring in sites ta` Triq il-Mandragg u sugerriexxa li jsiru xi cameras. Dan is-suggeriment gie milqugh u approvat.

50.10.2 Is-Sur Trevor Mizzi qal li qed ikun hemm karrozza partikulari li qed tipparkja dejjem fl-istess post mall-hajt tal-Abbatija.
7.20pm Is-Sindku talab sabiex il-laqgha tieqaf u ssir fi stadju ta` kumitat ghal waqfa qasira.

50.10.3 Is-Sur Trevor Mizzi ssugerriexa sabiex il-Kunsill johrog sejha ghall-cleaner ghall-ufficini tal-Kunsill.

50.10.4 Is-Sur Lawrence Attard nforma lil dawk prezenti li waqt laqgha li attenda dwar l-attivitajiet ta` Jum il-Helsien, gie mgharraf li cerimonji ser ssiru fil-21 u l-24 ta` Marzu.

Is-Sur John Boxall talab li jigi skuzat mill-laqgha peress li kellu xi impenji ohra. It-talba tieghu giet milqugha minn dawk prezenti.

Is-Sur Trevor Mizzi staqsa jekk kienx hemm xi punti mill-Minuti 48(07) li riedu jigu diskussi. Hadd minm dawk prezenti ma kellu kummenti.

**50.11Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4024 sa` BOV 4074 fejn cekk numru BOV 4073 gie kkancellat u cekkijiet bin-numri HSBC 9677 sa' HSBC 9685 fejn cekk numru HSBC 9682 gie kkancellat, zewg bank tranfsers u zewg hlasijiet ohra bil-VISA li saru mill-kont tal-BOV. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 6 ta`Frar 2018 sal-12 ta` Marzu 2018.

**50.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha u nofs ta` filghaxija (7.30pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal Erbgha 4 ta` April, 2018 fil-hamsa ta` filghaxija (5.00pm)

Konfermati illum 23 ta` April 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |